**29 ta' April, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L., Can., LL.D.**

Carmelo Formosa

*versus*

Avukat Dr. Arturo Valenzia et. ne.

**Żwieġ — Nullità — Dritt Kanoniku — Domiċilju — Ġurisdizzjoni.**

*Il-Liġi li tirregola f'dawn il-Gżejjer il-formazzjoni u d-durata tal-vinkolu matrimonjali hija l-Liġi Kanonika, li fid-dispożizzjonijiet relattivi tagħha hija komplementari għall-liġi ċivili maltija. U skond id-Dritt Kanoniku, u kwindi skond il-Liġi Maltija, għal dawk kollha li huma mgħammda biex ikunu membri tal-Knisja Kattolika, iż-żwieġ ikun validu biss jekk ikun ġie ċelebrat bil-formalitajiet preskritti m'd-Dritt Kanoniku; għax għall-membri tal-Knisja Kattolika ż-żwieġ huwa sagrament.*

*L-istat ta' fatt kreat bi żwieġ ta' malti kattoliku domiċiljat f'Malta, ċelebrat f'pajjiż ieħor bil-forma ċivili biss, sakemm għadu jeżisti, hu effikaċi biex jipproduċi dawk l-effetti ċivili li fin-natura tiegħu hu deżinjat li jipproduċi, fosthom dak tal-konferiment lill-mara tad-domiċilju tar-raġel; u d-domiċilju tar-raġel jiddetermina l-ġurisdizzjoni tat-tribunal li għandu jieħu konjizzjoni tal-kawża dwar dikjaraz-*

*zjoni ta' nullità taż-żwieġ. U allura l-Qrati Tagħna huma kompetenti biex jieħdu konjizzjoni ta' talba ta' malti kattoliku domiċiljat f'Malta biex jiġi dikjarat null iż-żwieġ tiegħu ma' mara ċelebrat f'pajjiż ieħor mingħajr il-formalitajiet preskritti mid-Dritt Kanoniku. U żwieġ simili huwa null.*

**Il-Qorti:**— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħudin il-provvedimenti kollha opportuni, premess li l-attur huwa malti, mgħammed fil-Knisja Kattolika Apostolika Rumana (dok. A), u *nattiv* u *domiċiljat* u *residenti* f'dawn il-Gżejjer; premess li fl-14 ta' Jannar 1949, fid-distrett ta' Northern Durham fil-County of Durham, l-attur u l-imsemmija Isabella Grey ikkontraew żwieġ ċivili fir-Registry Office ta' Northern Durham mingħajr osservanza tal-formalitajiet preskritti mill-Liġi Kanonika għal żwieġijiet kattoliċi, li jirrikjedu l-forma ta' ċelebrazzjoni stabbilita mill-Konċilju ta' Trento anki fejn waħda mill-partijiet, bħal fil-każ attwali, hija kattolika: premess illi dan iż-żwieġ ċivili huwa null u bla effett skond il-liġi ta' dawn il-Gżejjer: talab li, għar-raġunijiet premessi, jiġi dikjarat u deċiż illi ż-żwieġ ċivili kontrattat bejn l-attur u l-imsemmija Isabella Grey f'Northern Durham fil-County of Durham fl-14 ta' Jannar 1949, skond ma jidher mid-dokument eżibit fil-fol. 14 tal-proċess "Il-Qorti vs. Carmelo Formosa", deċiż fit-28 ta' Ġunju 1957, huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

*Omissis;*

*Skond verbal a fol. 18 tal-proċess, il-partijiet għamlu* riferenza għall-provi miġbura fil-kawżi fl-ismijiet "Il-Qorti vs. Carmelo Formosa", deċiżi minn dil-Qorti, diversament presjeduta, fid-19 ta' Mejju 1952 u fit-18 ta' Ġunju 1957;

Irriżulta li l-attur twieled Malta, u fis-17 ta' Jannar 1949 huwa kkontratta żwieġ ma' Isabella Grey, xebba domiċiljata fl-Ingilterra, fir-Reġistru ta' Northern Durham, County of Durham (dok. a fol. 14 tal-proċess fuq imsemmi deċiż fit-18 ta' Ġunju 1957). Dan iż-żwieġ kien ċelebrat bil-forma ċivili skond il-liġi tal-post fejn avvera ruħu;

L-attur kien mar l-Ingilterra bħala vakanza, biex jara ki ħbieb, meta hemmhekk iltaqa' mal-konvenuta; u għal-hemm fiż-żmien taż-żwieġ fuq imsemmi huwa kien jaħdem l-Ingilterra, u anki xehed li allura kellu ħsieb jibqa' hemmhekk, u li meta reġa lura Malta kellu ħsieb jerġa' jmur l-ngilterra, ma jirriżultawx ċirkustanzi biżżejjed biex jista' jiġi ritenut li huwa kien biddel id-domiċilju tiegħu malti tal-oriġini; u anki kieku kien pruvat hekk, jibqa' li, kif jidher mill-provi, fiż-żmien tal-azzjoni preżenti l-attur hu domiċiljat hawn Malta;

Liema huwa d-domiċilju tal-konvenuta, li ma kienet qatt f'dawn il-Gżejjer? Fuq il-konsiderazzjonijiet segwenti dil-Qorti waslet għall-konklużjoni li d-domiċilju tal-konvenuta fiż-żmien ta' dal-proċediment huwa dak tal-attur, hawn Malta;

Il-liġi li tirregola f'dawn il-Gżejjer il-formazzjoni u d-durata tal-vinkolu matrimonjali hija l-liġi kanonika, li fid-dispożizzjonijiet relattivi tagħha hija komplementari għall-liġi ċivili maltija. Din ir-regola, enunċjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża "Low vs. Low" Vol. XII, p. 248-1892) ġiet ribadita fis-sentenza tal-istess Qorti fil-kawża "Warrington vs. Carter" tat-18 ta' Novembru 1925, bil-kliem "tutto quanto si attiene alla celebrazione del matrimonio, alla formazione del vincolo matrimoniale, ed alla consistenza del matrimonio, si trova in queste Isole regolato soltanto dalle disposizioni del Diritto Canonico" (v. wkoll "Lepre vs. Dr. Agius ne." u s-sentenzi hemm riferiti, Vol. XXXII-I--480). Tabilħaqq, jista' jingħad illi f'materja hekk skwiżitament ta' ordni publiku bħal ma hu l-istat matrimonjali, id-Dritt Kanoniku, fl-estensjoni tiegħu kif ser jingħad il-quddiem, jikkostitwixxi d-dritt privat internazzjonali tal-liġi maltija għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet bħal dik f'din il-kawża, li jikkontjenu element stranjier;

Skond il-kanoni 1094 u 1099 tal-'Codex Juris Canonici', u kwindi skond il-Liġi Maltija, għal dawk kollha "in Catholica Ecclesia baptizati". ċjoè dawk li jkunu mgħammda biex ikunu membri tal-Knisja Kattolika (Gasparri, De Matrimonio, para. 569), anki meta huma kkontraew żwieġ

"cum catholicis sive baptizatis sive non baptizatis", "ea tantum matrimonia valida sunt quae contrahunter coram parocho, vel loci ordinario, vel sacerdote ab alterutro delegato, et duobus saltem testibus, secundum tamen regulas expressas in canonibus qui sequuntur, et salvis exceptionibus de quibus in can. 1098, 1099". Dan peress illi għall-membri tal-Knisja Kattolika ż-żwieġ huwa sagrament;

Mbgħad, skond il-kanone 1015 §3, iż-żwieġ bejn kontraenti li ma jkunux, ħadd minnhom, imgħammda fil-Knisja Kattolika, jissejjaħ żwieġ leġittimu — "matrimonium inter non baptizatos dicitur legitimum" — u huwa regolat mill-liġi partikulari li jaqa' taħtha. "Legislatio civilis circa matrimonii vinculum pro non baptizatis est legitima dummodo in se rationabilis sit et ad bonum commune conducat, quia auctoritas civilis est competens" Gasparri, ibid. §1289);

Fil-każ preżenti, l-att ta' stat ċivili fil-kawża, munit kif inhu bir-rekwiżiti kollha skond il-liġi li tirregolah, jattesta bħala stat ta' fatt l-unjoni, taħt il-forma matrimonjali, tal-attur mal-konvenuta. Dak l-istat ta' fatt jista' fir-realtà jkun fornit bir-rekwiżiti meħtieġa biex, fis-sens li ntqal fuq, ikun jikkorrispondi għal żwieġ leġittimu, u jista' wkoll ikun destitwit minn kull effikaċja ġuridika, kemm il-darba jkun jirriżulta illi, almenu waħda mill-persuni kontraenti, kienet mgħammda fil-Knisja Kattolika. Sakemm però, dak l-istat ta' fatt ma jiġix mill-awtorità kompetenti spoljat minn li-"species validitatis", imħabba fl-eżiġenzi tal-istess ordinament ġuridiku, huwa jeżisti u huwa effikaċi biex jipproduċi dawk l-effetti ċivili li fin-natura tiegħu hu deżinjat li jipproduċi, fosthom dak tal-konferiment lill-mara tad-domiċilju tar-raġel, għall-finijiet tal-art. 743 tal-Proċedura Ċivili;

Għandu wkoll jingħad illi, skond l-art. 334 tal-Kodiċi Ċivili, kull żwieġ li jsir f'pajjiż barra minn dawn il-Gżejjer huwa reġistrabbli fir-Reġistru Publiku ta' dawn il-Gżejjer, meta wieħed mill-miżżewġin ikun suddittu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, jew ikun ilu joqgħod f'dawn il-Gżejjer għal aktar minn ħames snin, u kemm il-darba jiġi prodott att

li, skond il-liġijiet tal-pajjiż fejn ikun sar iż-żwieġ, jipprova dak iż-żwieġ;

Bl-azzjoni preżenti, l-attur insorġa kontra dan l-istat ta' fatt biex jiddistruġġieh, u allega bħala motiv li huwa mgħammed fil-Knisja Kattolika, u li hekk huwa ma setgħax jikkontraji żwieġ validu ħlief bil-forma kanonika. Huwa mpenja ruħu li jipprova l-motiv li fuqu jibbaża l-pretensjoni tan-nullità taż-żwieġ in kwistjoni;

Minn naħa tagħha, il-konvenuta, per mezz tal-kuraturi fil-kawża, talbet il-provi, għalkemm sussegwentement hija nfurmat lid-difensur tagħha (ittra a fol. 20) li, wara spjegazzjoni mill-konsulenti legali tagħha fl-Ingilterra dwar dil-kawża, "I have decided that I do not intend or wish to interfere in any way in my husband's endeavours to have my marriage pronounced a nullity";

Fil-kawża fuq riferita "Warrington vs. Carter", fejn il-konvenuta kienet ikkontestat il-ġurisdizzjoni tat-tribunal, il-Qorti tal-Appell irrespinġiet il-kontestazzjoni, peress illi "nè il giudizio per l'annullamento del matrimonio istituito dall'attore, finchè la domanda rimane 'sub judice', diveste la convenuta dalla condizione di moglie dell'attore, o la esonera da qualsiasi degli obblighi da lei assunti per il matrimonio da lei contrattato 'sub specie validitatis' coll' attore medesimo". Hija, mbgħad, ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li d-domiċilju tar-raġel jiddetermina l-kompetenza tat-tribunal li għandu jieħu konjizzjoni tal-kawża fuq dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ;

Fil-kawża "Matthews vs. Pezzati" (Bettini, Giurisprudenza Italiana, Parte Prima, 1896, Sez. II, colonna 24), fejn kien hemm involuta kwistjoni matrimonjali, il-Qorti tal-Appell ta' Lucca osservat:— "Il matrimonio, sebbene intrinsecamente nullo, può tuttavia sussistere fino a che non venga denunziato all'autorità da chi ha il potere di farlo; e la ragione sta in ciò che l'esistenza non ripugna all'ordine naturale, e ha il carattere giuridico apparente nella solennità della celebrazione, esteriorità di diritto nascente dall' atto di celebrazione, alla quale aggiungasi un possesso di

stato conforme; si crea una presunzione di verità talmente forte che non cede fuorchè di fronte al giudicato che ne dichiara la nullità, quantunque non immune da vizi che ne corrompono la morale interezza";

Għalhekk, għall-finijiet ta' dil-kawża, id-domiċilju tal-konvenuta huwa dak tal-attur, hawn Malta;

Ikkunsidrat;

Irriżulta mid-dokument eżibit mill-attur a fol. 5 tal-proċess illi fit-13 ta' April 1918 l-attur kien mgħammed Malta fil-Knisja ta' San Gejtanu, u hekk huwa ġie mgħammed fil-Knisja Kattolika. Konsegwentement, biex seta' jikkuntraji żwieġ validu l-attur, fin-nuqqas taċ-ċirkustanzi li skond il-liġi setgħu jeżentawh, kellu josserva l-forma ta' ċelebrazzjoni preskritta għal min hu membru tal-Knisja Kattolika, ikun f'liema pajjiż ikun. Għalhekk, iż-żwieġ ċivili in kwistjoni jirriżulta li kien nieqes mill-forma ta' ċelebrazzjoni essenzjali għall-validità tiegħu;

Per mezz tan-nota a fol. 27 l-attur irrinunzja għall-azzjoni in kwantu diretta kontra l-kuraturi in rappreżentanza ta' kull min għandu nteress;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba in kwantu diretta kontra l-kuraturi in rappreżentanza ta' kull min għandu nteress fil-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur;

U tilqa' t-talba tal-attur fil-konfronti tal-konvenuta kif rappreżentata mill-kuraturi, billi tikkonstata u tiddikjara null iż-żwieġ ċivili msemmi fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż, stante n-natura tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa.